MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

### MAGISTRAT

### ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tas-27 ta' Frar, 2014

Numru. 127/2014

Il-**Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Simona Camilleri, ta' 46 sena, bint George u Mary nee` Gatt, imwielda Pieta', nhar id-9 ta' Settembru 1965, residenti gewwa Shalom, Sqaq Cejlu, Nru 1, Naxxar, u detentrici tal-karta tal-identita` bin-numru 4274465(M).

U

Moira (Mary) Zahra, ta’ 36 sena, bint Carmel u Catherine nee` Farrugia, imwieleda Zurrieq nhar is-16 ta’ Gunju 1977, residenti gewwa Salvinu, Flat 2, Triq San Gorg, Hal Safi, u detentrici tal-karta ta’ l-identita ` bin-numru 45377(M).

Talli;

F’dawn il-gzejjer, fis-06 ta’ Novembru 2013 u fix-xhur ta’ qabel, b’diversi atti maghmulin minnkom, ukoll jekk fi zminijet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew magmula b’rizoluzzjoni wahda.

1) Bil-hsieb li testrocu flus jew xi haga ohra, jew li taghmlu xi qligh, jew bil-hsieb li ggieghlu lil persuna ohra u cioe` lil Joseph Muscat ta’ 65 sena mill-Mosta, jesegwixxi, jiddistruggi, iqalleb jew ibiddel testment jew obbligazzjoni bil-miktub, titolu jew garanzija, jew li jaghmel jew jonqos milli jaghmel xi haga, heddejtu li taghmlu denunzja jew kwerela kontra, jew li taghtu malafama lil dik iil-persuna jew persuna ohra;

2) U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi tajtu fastidju lil Joseph Muscat mill-Mosta b'mod li kienu jafu jew misshom kienu jafu li b'tali mgieba kienu ser jikkagunaw fastidju fuq haddiehor.

3) U ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi ghamiltu theddid bi kliem lil Joseph Muscat ta' 65 sena mill-Mosta.

Lil Simona Camilleri wahedha:

1) Talli naqset milli thares xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqha mill-Qorti fid-digriet taghha li bih imghatat il-helsien mill-arrest.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputati irregistraw ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnhom wara li l-Qorti tathom zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidraw sew l-ammissjoni taghhom, u wara li l-Qorti wissiethom solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, din il-Qorti giet ikkonvertita minn wahda Struttorja ghal wahda ta' Gudikatura Kriminali, ai termini tal-Artikolu 392A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi r-raba' imputazzjoni, dik fil-konfront ta' Simona Camilleri, ma tirrisultax peress illi l-kawza fejn kienet inghatat il-helsien mill-arrest illum giet deciza u saret *res judicata*;

Rat illi ghalhekk il-qorti sethget tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 250, 251A, 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il-Qorti ssibb lill-istess imputati hatja skonda l-akkuzi dettota kontra taghhom u ghaldaqstant qieghda tikkundannahom ghall-piena ta’ sena prigunerija sospizi ghal sentejn ai termini ta’ l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------